

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/267

tat-12 ta' Frar 2016

**dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Emirati Għarab
Magħquda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat Ftehim fisem l-Unjoni Ewropea mal-Emirati Għarab Magħquda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ("il-Ftehim").
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/785 ⁽²⁾, il-Ftehim ġie ffirmat u huwa applikat fuq bażi proviżorja mis-6 ta' Mejju 2015.
- (3) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt ta' esperti għall-ġestjoni tal-Ftehim. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt mill-Kummissjoni, li għandha tkun assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ⁽³⁾; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ⁽⁴⁾; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

⁽¹⁾ Kunsens mogħti fil-15 ta' Diċembru 2015 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/785 tal-20 ta' April 2015 dwar l-iffirmar, fisem tal-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Emirati Għarab Magħquda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 125, 21.5.2015, p. 1).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Emirati Għarab Magħquda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, fisem l-Unjoni Ewropea, in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim ⁽¹⁾.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Komitat Konġunt ta' esperti stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
J.R.V.A. DIJSSELBLOEM

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.